**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 221/97

Georgina Micallef

vs

Ir-Rettur tal-Universita`

Illum 29 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 hija sofriet ingustizzja f'li ma nghatatx il-promozzjoni li kien jisthoqqilha u ma nghatatx l-overtime.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hi kienet dahlet tahdem l-universita` bhala fattiga fis-sena fl-1980. Hija dejjem ghamlet xogholha kif suppost u bl-akbar attenzjoni.

Illi mis-sena 1987 hija bdiet tigi vittimizzata billi ma kienetx tinghata l-overtime bhal shabha l-ohrajn.  Hija kienet dejjem tigi mhedda mis-superjur taghha E. Attard li tmur fejn tmur mhix sejra tbezzghu.  Hi kienet ukoll tinghata xoghol aktar minn shabha.

Illi hi applikat fl-1992 ghal post ta' Beadle u ma haditx din il-promozzjoni bl-iskuza li ma kellhiex licenzja tas-sewqan meta haddiehor ha din il-promozzjoni u bhalha ma kellux din il-licenzja u kien hemm ukoll minn ha din il-promozzjoni li kellu inqas servizz u esperjenza minnha.  Hi applikat drabi ohra ghalxejn.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li tinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata s-seniority li tilfet meta ma haditx il-promozzjoni jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li tithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal ghal overtime mitluf u promozzjoni li ma nghatatx.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tar-Rettur tal-Universita` li eccepixxa:

Illi l-Universita` tikkontesta li r-rikorrenti qatt sofriet xi ingustizzja jew diskriminazzzjoni mill-Universita`. Ir-rikorrenti dejjem giet trattata sewwa u ezami tal-istorja tal-impjieg taghha ma juri l-ebda diskriminazzjoni jew ingustizzja maghha.

Illi l-istanza tar-rikorrenti hija essenzjalment bazata fuq zewg fatturi, u cioe`:

1. Vittimizzazzjoni mis-superjuri taghha E. Attard u:

2. Nuqqas ta' promozzjoni ghall-kariga ta' Beadle.

Dwar l-ewwel punt din hija kollha immaginazzjoni tar-rikorrenti u l-Universita` ma ghandha l-ebda fatt li juriha li tali vittimizzazzjoni kienet verament tezisti. Lanqas huwa minnu dak li qieghdha tallega dwar l-overtime.

Dwar it-tieni punt wiehed ghandu jinnota s-segwenti fatti:

a) l-ewwel darba li r-rikorrenti applikat ghall-promozzjoni kien fil-1994.
b) hija giet promossa ghall-kariga ta' Beadle fil-1996.
c) id-decizjoni dwar din il-promozzjoni ma kienitx tittiehed biss fuq bazi ta' seniority imma fuq bazi ta' abilita`.
d) n-nuqqas ta' licenzja tas-sewqan ma kienitx skuza u l-Universita` regolarment irrikjedit dan bhala rekwisit ghal min kien japplika ghall-post ta' Beadle.
e) ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit li fih ilmentat li ma kenitx qed tinghata xoghol overtime daqs l-ohrajn u li kienet tigi mqabbda taghmel xoghol hafna aktar milli kienu jaghmlu shabha fattigi ohra.  Sostniet li saret ingustizzja maghha meta ma nghatatx il-promozzjoni ta' Beadle u sostniet li min intghazel bhala Beadle mhux dejjem kellu licenzja tas-sewqan.  Intghazlu ghall-post nies ohrajn li ma kellhomx zmien ta' servizz daqsha.

In kontro ezami xehedet li l-licenzja tas-sewqan gabitha, xi tlieta, erbgha snin ilu.  Kien hemm min kien Beadle u ma kellux licenzja u fosthom semmiet lil Pacikka li ma tiftakarx kunjomha.

Martin Zammit co-ordinator fil-Mediterranean Institute ghal dawn l-ahhar sena u nofs ghalkemm ilu mal-Universita` ghal dawn l-ahhar tmien snin xehed li jaf lir-rikorrenti bhala Beadle ghalkemm jiftakarha wkoll bhala fattiga.  Dwar ix-xoghol taghha bhala fattiga jafha tahdem fil-farmhouse u cioe` fl-ufficcju u r-residenza tal-Prof. Peter Serracino Inglott u jafha efficjenti hafna.  Mieghu lmentat informalment dwar li ma

tigix trattata tajjeb u overtime. Bhala Beadle kienet tiehu hsieb il-posta, tigborha u tqassamha.

Dr. Abraham Borg senior lecturer fid-Dipartiment tat-Taljan u ilu sitt snin l-Universita` xehed li jaf lir-rikorrenti bhala fattiga. Xogholha dejjem ghamlitu pjuttost sew. Kien hemm zmien li kellha diffikultajiet biex tattendi, specjalment meta kien mietilha r-ragel u t-tifel kien ibati bl-azma. Mieghu gieli lmentat fuq il-bicca xoghol tal-overtime u dwar ix-xoghol.

Carmelo Calleja A.O. mal-Universita` xehed li jaf lir-rikorrenti u li din kienet kellmitu fuq l-overtime. Propjament il-bniedem li kellu x` jaqsam mad-decizjoni huwa Emidio Attard li huwa Manager Estates and Work fl-Universita`. Kien kellem lil Joe Borg li kien rapprezentant tal-haddiema u dan bl-iskop li hu jcempel lil Emidio Attard halli jkun jista' jirrangalha dwar il-problema.

Joe Borg li jahdem bhala Assistant Registrar fl-Universita` xehed li kien shopsteward fl-Universita` sal-1998 u inoltre kellu l-kariga ta' Segretarju tat-Taqsima Dipartimentali tal-UHM b' mod generali. Kienet kellmitu dwar il-kwistjoni tal-promozzjoni taghha. Fil-fatt jaf li Fr. Peter Serracino Inglott li kien ir-rettur li kellhom precedentement kellu l-ideja li jgib cleaners minn barra u ghalhekk kien qieghed jipprova li n-nies li kienu cleaners jigu moghtija gradi ohrajn u fil-fatt kien hemm il-possibilta` li minn cleaner ir-rikorrenti ssir beadle, dejjem by call for application. Ir-rikorrenti kienet applikat xi darbtejn ohra qabel ma saret. Hi saret fl-1996. Fost il-kundizzjonijiet li kien hemm biex bniedem isir beadle kien ikun hemm li jrid ikollok driving license ghax huma kienu jkunu mitlubin li jsuqu wkoll fost id-duties li kellhom. Ir-rikorrenti ma

kellhiex il-licenzja tas-sewqan dak iz-zmien. Dak iz-zmien li kienet saret ir-rikorrenti Beadle, kienu saru 4 li tnejn minnhom kellhom il-licenzja u tnejn le. Kienu ftiehemu li jaghmlulhom il-kundizzjoni li jibdew jahdmu x-xoghol ta' Beadles biex jilhqu jidrawh u sadanittant jilhqu jgibu l-licenzja tas-sewqan.

Emidio Micallef Estate and Works Manager mal-Universita` xehed li hu dahal fl-Universita` fl-1989. Fl-1993 il-Cleaners u l-Beadles li minnhom kienet tifforma parti r-rikorrenti saru tahtu.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda:

- Nuqqas ta' ghoti ta' overtime lir-rikorrenti;
- Trattament hazin lir-rikorrenti mis-Sur Attard;
- Nuqqas ta' promozzjoni ta' Beadle fl-1992.

***Nuqqas ta' ghoti ta' overtime lir-rikorrenti***

Diversi drabi t-Tribunal spjega li overtime wahdu ma jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal sakemm ma jkunx marbut ma' xi aspett iehor ta' hatra jew transfer.

Fil-kawza fl-ismijiet Joseph Barbara vs Med Serv Limited et deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 it-Tribunal spjega li huma necessarji hames elementi biex kawza taqa' fil-kompetenza tieghu:

"Minn ezami ta' l-Art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

Dan l-ilment ghalhekk ma huwiex ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga."

Fil-kawza fl-ismijiet Charles Debono vs Direttur Generali tal-Edukazzjoni rikors numru 645/97 deciza fid-9 ta' Gunju 2000 it-Tribunal sostna li ma hux kompetenti "ratione materiae" biex jezamina kazijiet ta' ilmenti dwar hlas ta' arretrati ta' paga, overtime u allowances jekk tali

nuqqas ma jkunx konsegwenza li bniedem gie mcahhad minn hatra jew gie trasferit ingustament. Ara wkoll Mizzi Alessio vs Ufficjal inkarigat mill-Ufficju Elettorali 24/1/2001.

Illi ghalhekk dwar l-overtime it-Tribunal mhux kompetenti.

***Trattament hazin lir-rikorrenti mis-Sur Attard***

Naturalment jekk dan jirreferi ghal overtime japplika dak kollu li ghadu kif intqal hawn fuq. Dwar l-aspett l-iehor li r-rikorrenti semmiet u cioe` li hi kienet imqabbda xoghol aktar minn haddiehor ukoll dan mhux aspett ta' kompetenza tat-Tribunal u hawnhekk it-Tribunal jirreferi ghal dak li ntqal fuq dwar kompetenza. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett ukoll.

***Nuqqas ta' promozzjoni ta' Beadle fl-1992***

L-intimat sostna li r-raguni li r-rikorrenti ma setghetx tigi appuntata Beadle qabel iz-zmien meta fil-fatt giet appuntata kienet principalment dovuta ghall-fatt li hi ma kellhiex licenzja tas-sewqan. Ghalkemm ir-rikorrenti sostniet li kien hemm min ma kellux tali licenzja hi ma indikat lil hadd hlief certu Pacikka li ma tafx x' kunjomha li ma kellhiex licenzja. Din ma gietx prodotta bhala xhud u anqas ma saru domandi lil xi dirigent tal-universita` fuq dan l-aspett. Anqas ma ngiebet lista ta' min sar Beadle fl-1992 u x' esperjenza jew kwalifiki, inkluz licenzja tas-sewqan kellhom dawn in-nies. Huwa car ghalhekk li dan it-Tribunal ma jistax isib li tirrizulta xi ingustizzja. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett ukoll.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.